TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/80/11/S

Reuben Schembri
Vs
Mobisle Communications Limited

Illum 29 ta'Marzu,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Reuben Schembri datata 31 ta'Jannar,2011 u r-risposta tas-socjeta Mobisle Communications Limited;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-3 ta'Frar,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'internet key' li skont ir-rikorrent, ma kinitx tahdem sew;

Illi t-talba tar-rikorrent hi fis-sens li minn Frar,2011, ma jhallasx kontijiet tas-socjeta intimata meta skont hu, kellhom jiefqu l-kontijiet;

Illi ma ngabux provi konkreti dwar dan;

Illi r-rapprezentanta tas-socjeta intimata kkonfermat li qed jistennew hlas ta' €117.89 rapprezentanti l-hlasijiet dovuti sa nofs Frar,2011 u tal-ftehim tat-telefon u jekk isir dan il-hlas, is-socjeta intimata ma tinsistix ghall-kumplament tal-ammont dovut;

Illi dan l-ammont ta' €117.89 baqa' ma thallasx mir-rikorrent lis-socjeta intimata sal-ahhar seduta mizmuma fit-3 ta'Frar,2012;

Illi l-kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet ma giex kontestat izda saret biss allegazzjoni li s-servizz ma kienx wiehed sodisfacenti;

Illi l-ammont ta' €117.89 ma giex kontestat mir-rikorrent u fil-fatt jirraprezenta dak dovut minnu sa Frar,2011;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Reuben Schembri u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Mobisle Communications Limited u b'kull parti thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru